

31994R3304

L 341/48

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.12.1994

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3304/94
tal-21 ta' Diċembru 1994**

li jemenda ċerti Regolamenti dwar iċ-ċereali u r-ross minħabba l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tan-Norveġja, l-Awstria, l-Finlandja u l-Isvezja ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 169(2) tiegħu,

Billi l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja taġġmilla meħtieġa li jkun irrevokat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 479/88 tat-22 ta' Frar 1988 li jstabbilixxi r-regoli operattivi għal kwota annwali tat-tariffa tal-Komunità ta' 2 500 tonnellata ta' xgħir mhux inkaljat tal-kodiċi ta' nomenklatura magħquda 1107 10 99 li joriġina minn, u mwassal mill-Finlandja ⁽²⁾ u l-emendi għar-Regolamenti segwenti:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2145/92 tad-29 ta' Lulju 1992 li jiddefinixxi mill-ġdid iż-żoni tad-destinazzjoni għal rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, levies ta' l-esportazzjoni u ċerti liċenzji ta' l-esportazzjoni għal ċereali u ross ⁽³⁾,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1533/93 tat-22 ta' Ġunju 1993 li jstabbilixxi ċerti regoli permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-ġħoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq iċ-ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' nkwieta fis-suq taċ-ċereali ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 120/94 ⁽⁵⁾,
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1621/93 tal-25 ta' Ġunju 1993 li jstabbilixxi regoli ddetaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar is-sistema tal-iffissar tal-levies ta' l-importazzjoni għal

ċereali ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 795/94 ⁽⁷⁾;

Billi permezz ta' l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ⁽⁸⁾ l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jadottaw qabel l-Adeżjoni l-miżuri riferuti fl-Artikolu 169 ta' l-att ta' l-Adeżjoni, liema miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ soġġetti għal u dakinhar ta' li jidħol fis-seħħ it-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 569/88 hu b'dan imħassar.
2. Il-kliem "L-Isvezja" u "Il-Finlandja" huma mħassra minn Żona II (c) fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2145/92.
3. Il-kelma "L-Awstrija" hi mħassra mill-Artikolu 14a tar-Regolament (KEE) Nru 1533/93.
4. Ir-referenzi għall-Isvezja u l-Finlandja fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 1621/93 huma mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ suġġett għal u dakinhar li jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' l-Adeżjoni tan-Norveġja, l-Awstria, il-Finlandja u l-Isvezja.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-21 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 49, tat-23.2.1988, p. 8.

⁽³⁾ ĠU L 214, tat-30.7.1992, p. 20.

⁽⁴⁾ ĠU L 151, tat-23.6.1993, p. 15.

⁽⁵⁾ ĠU L 21, tas-26.1.1994, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 155, tas-26.6.1993, p. 36.

⁽⁷⁾ ĠU L 92, tad-9.4.1994, p. 17.

⁽⁸⁾ ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 9.